**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta’ Novembru 2022**

Rikors Numru: 260/22 AL

A B

vs

C B fil-kapaċita` tagħha ta` kuratriċi ta' ommha D B nee E Appuntata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Volontarja) permezz ta` Digriet bin-numru 102/19

(MR Numru 845/1998)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. ILLI l-partijiet iżżewġu fil-Knisja tal-Kappuċċini Il-Furjana, Malta nhar id-29 ta` Mejju tas-sena 1988 u dan min kif jidher mill-Att taż-żwieg (komunament imsejjaħ ċertifikat ta-żwieġ) hawn anness u markat "Dok A", liema żwieġ tagħhom ġie registrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta;
2. ILLI minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm il-wild ta` tifla C li llum għandha l-fuq minn tletin (30) sena u allura ma` hemmx obbligu ta' manteniment lejha mill-partijet f'din il-kawża;

3. ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta` kuntratt ta` separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Georgakopoulos nhar it-28 ta` Frar tas-sena 2020, kopja tiegħu hija hawn annessa u markata "Dok B" fejn in partikolari tajjeb li jiġi osservat li minħabba raġunijiet ta' saħħa, fuq tali kuntratt ta` separazzjoni kienet dehret C B, bint l-istess konjugi partijiet f'din il kawża, fil-kapacita` tagħha ta` kuratrici ta`' ommha D B nee` E kif appuntata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Volontarja) permezz ta' Digriet bin-numru 102/19;

4. ILLI kif jidher mill-Artiklu 4 tal-istess kuntratt ta separazzjoni, il-konjugi rrinunzjaw għal manteniment mingħand xulxin;

5. ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar mit-terminu impost mill-liġi legalment u fattwalment skont kif dettat mill-Artiklu 66B(a) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fejn dan jippreskrivi li t-terminu minimu bejn il-konjugi għal ksib tad-divorzju meta parti fiż-żwieġ tipproċedi kontra l-parti l-oħra għandu jkun ta` jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn precedenti, li f'dan il-każ il-partijiet f'din il-kawża ilhom separate legalment mit-28 ta' Frar tas-sena 2020 u fattwalment ferm aktar.

6. ILLI fil-kuntratt ta` separazzjoni hawn citat, senjatament artiklu 14 tal-imsemmi kuntratt, il-konvenuta għażlet li żżomm kunjom ir-raġel tagħha;

7. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Gunju 2022;

Semghet lill-kuratrici tal-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twiegeb li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintalaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Frar 2020.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.